MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 387/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Mary Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Mary Vella talli:

(1) nhar-il 24 ta' Jannar 2004 u fi zmien ta' qabel, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu anke fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda bhala l-proprjetarju jew amministratur responsabbli jew konsumatur tal-fond 'Crowborough', Triq il-Buzjett, Naxxar, b'mezzi qarrieqa li bihom jistghu jwaqqfu jew ibiddlu l-kejl jew markar fil-meter tal-kwantita` mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn

fuq imsemmi u b'hekk ikkommetta serq ta' dawl elettriku ta' €2350.42 (Lm1009.036) ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur;

(2) u aktar taht l-istess cirkostanzi kkommetta hsara volontarja fuq meter tad-dawl tal-marka 'Aron', bin-numru 3109814, liema hsara ma teccedix l-ghaxar liri, ghad-dannu tal-Korporazzjoni tal-Enemalta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tordna lill-imsemmi Joseph Mary Vella jhallas l-ispejjez relattivi tal-perizja legali rigwardanti l-imsemmi kaz ai termini ta' l-artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) u aktar sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Dicembru 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 49, 50, 261(b)(c)(f), 263(a), 264, 267, 270 u 325(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Joseph Mary Vella hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, illiberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mid-data tas-sentenza u li jhallas fi zmien tliet xhur is-somma ta' elfejn tmienja u ghoxrin euro u disgha u tletin centezmu (€2,028.39) lill-Korporazzjoni Enemalta. Dik il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju lill-hati r-responsabbilta` tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fil-perijodu ta' sentejn jekk ma joqghodx ghall-ordni lilu moghti. Il-Qorti ordnat ukoll b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jhallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' mija disgha u sittin euro u sitta u tmenin centezmi (€169.86) ekwivalenti ghal Lm72.92 rapprezentatnti spejjez li kellhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Joseph Mary Vella pprezentat fis-26 ta' Dicembru 2008 li permezz tieghu talab li din il-

Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tilliberah mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li ma ngabet ebda prova li kien proprju hu li baghbas il-meter tad-dawl. Inoltre, skond l-appellant, ir-ragunament ta' l-ewwel Qorti li la darba l-appellant ma spjegax il-posizzjoni tieghu ghaliex ghazel li ma jixhidx tfisser li dik hija bizzejjed biex twassal ghall-htija, hija kunsiderazzjoni skorretta legalment li timmina d-drittijiet fondamentali tal-bniedem, partikolarment id-dritt tas-silenzju specjalment meta l-prosekuzzjoni ma tkunx ippruvat il-kaz taghha. M'hemmx dubju, jsostni l-appellant, illi l-ewwel Qorti sabet htija minhabba li ghamlet ragunament zbaljat u konsegwentement kellu jigi lliberat.

Issa, minn ezami tas-sentenza appellata jirrizulta illi, wara li l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-presunzjoni li johloq is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 264 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkummentat hekk:

"Illi ghalkemm l-imputat xehed quddiem l-espert tekniku waqt l-inkjesta, f'dik id-deposizzjoni l-imputat semplicement innega l-involviment tieghu u ma qal xejn li b'xi mod jissodisfa dak l-oneru. Waqt il-proceduri odjerni l-imputat ma xehedx u ma ressaq l-ebda prova ohra. Huwa ghalhekk ma ssodisfax l-oneru li kien jinkombi fuqu biex jiskolpa lilu nnifsu."

Forsi l-kliem li uzat l-ewwel Qorti ma kienx dak idoneju, izda certament il-kummenti taghha kienu qed isiru fid-dawl tal-presunzjoni *juris tantum* li tohloq il-ligi stess. Jista' pero` jinghad illi b'daqshekk l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni zbaljata?

Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 264 jipprovdi:

**“(2) Fil-kaz ta’ ksur ta’ kanni tas-servizz pubbliku ta’ l-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew ta’ fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-*meters* taghhom, jew ta’ xi sigill ta’ xi *meter*, jew fil-kaz ta’ l-ezistenza ta’ mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista’ jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta’ dan l-ilma, gass, jew kurrent elettriku, jew li bihom jista’ jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-*meter* tal-kwantità mehuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, bhala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f’idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-ksur jew il-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b’dan l-uzu jew konsum ta’ ilma, gass jew kurrent elettriku, skond ma jkun il-kaz.”**

Huwa car illi ai termini ta’ din id-disposizzjoni l-oneru tal-prova jdur fuq l-appellant jekk *prima facie* jirrizulta li kien hemm tbaghbis fil-meter u tirrizulta wkoll l-ezistenza ta’ mezzi qarrieqa li jistghu jkunu intizi biex isir serq ta’ kurrent elettriku. Fil-kaz in ezami jirrizulta li nqatghu z-zewg sigilli ta’ mas-*service box* biex inqala’ l-*fuse* sabiex seta’ jiddahhal *cable* bhala *bridge* u tnehhew iz-zewg sigilli tac-comb min-naha t’isfel tal-meter biex seta’ jinfetah u jintbaghbas u b’hekk il-meter ikollu l-*load* u jirregistra bil-mod hafna. Jigifieri kien hemm kemm it-tbaghbis kif ukoll il-mezzi qarrieqa. Il-presunzjoni hekk mahluqa kontra l-appellant setghet tigi mxejna bi prova kuntrarja migjuba minnu. Izda l-unika prova kienet tikkonsisti fic-cahda xotta tieghu meta xehed quddiem l-espert tekniku. Din il-Qorti taqbel li dik ic-cahda wahedha mhijiex prova konvincenti bizzejjed biex ixxejjen il-presunzjoni mahluqa mil-ligi wara s-sejbien tal-mezzi qarrieqa imsemmija. Dan ukoll qieghed jinghad fid-dawl tal-fatt illi l-fond in kwistjoni hija r-residenza ta’ l-appellant, li hu stess jghid illi kien ilu jabita hemm ghal sitt snin u ghalhekk kellu access ghall-istallazzjoni elettrika ghal dak iz-zmien kollu, u li jghid ukoll li xoghlu fil-*maintenance*. Izda mbaghad hemm ukoll l-agir ta’ l-appellant meta marru l-haddiema ta’ l-Enemalta biex jaghmlu l-ispezzjoni. Harry Buttigieg, *senior tradesman* ma’ l-Enemalta, xehed li meta marru jaghmlu l-ispezzjoni l-appellant talab li ssir aktar tard peress illi qal li

ma kellux cavetta tal-*unit* fejn kien hemm il-meter. Kien minhabba l-insistenza tal-haddiema ta' l-Enemalta li l-ispezzjoni ssir dak il-hin, li l-appellant gab xi haga biex tinfetah il-*unit* dak il-hin stess. Dan l-agir jikkostitwixxi prova cirkostanzjali li ssahhah it-tezi tal-prosekuzzjoni li l-appellant kien jaf bl-ezistenza tal-mezzi qarrieqa msemmija.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier b'dan illi l-perijodu ta' sentejn liberazzjoni kondizzjonata (*conditional discharge*) jibda jiddekorri millum u t-termini ghall-hlas tas-somma ta' €2,028.39 lill-Korporazzjoni Enemalta u tas-somma ta' €169.86 jibdew jiddekorru millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------